**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 430/2016**

**AF u NF**

**vs**

**All Invest Company Limited**

**(C22239)**

**Seduta tas-27 ta' Settembru 2017**

**L-Arbitru**

**Ra l-Ilment fejn fil-qosor l-Ilmentaturi jghidu:**

Illi sofrew telf ta' kapital ta' €19,000, u d-dhul minnu f'investiment li sar mill-Ilmentaturi fl-*SNS Subordinated Bond* 2020 fit-22 ta' Novembru, 2011, fuq parir tal-*All Invest Co. Ltd*. u tad-direttur taghha, Wallace Falzon.

L-Ilmentaturi jilmentaw li l-provditur tas-servizz ma agixxiex fl-ahjar interessi taghhom u kiser l-obbligi fiducjarji lejhom billi ta parir lill-klijenti tieghu biex jinvestu f'investiment ta' riskju gholi u li ma kienx *suitable* ghalihom; u lanqas ma kien addattat ghac-cirkostanzi personali u l-attitudni ta' riskju taghhom.

Barra minn hekk, jilmentaw li l-provditur tas-servizz approfitta ruhu min-nuqqas ta' esperjenza taghhom u, b'ghaggla u minghajr ma gew spjegati lilhom

l-implikazzjonijiet tar-riskji involuti f'investimenti f'*bonds* subordinati, ha l-firem taghhom fuq formoli intizi li jaghtu lill-provditur tas-servizz protezzjoni legali ghall-*misselling* li kien qed jaghmel. Jilmentaw barra dan, li ma nghatawx id-dokumenti u li ma nghatawx rendikont tal-*commission* li kien qieghed jircievi l-provditur tas-servizz ghas-servizzi tieghu.

Aktar minn hekk, il-provditur tas-servizz biegh l-istess s*ecurity* tal-*SNS Bank 2020* bi prezz li huwa aktar minn 45% oghla mill-prezz tas-suq tal-istess zmien, a skapitu u ta' zvantagg ghall-Ilmentaturi ta' 'l fuq minn €3,000.

Finalment, jilmentaw li l-*Appropriateness Test* li sar mill-provditur tas-servizz sar bl-aktar mod traskurat u negligenti. U jilmentaw li ma sar l-ebda *due diligence* bil-ghaqal u bil-hila dwar is-sitwazzjoni finanzjarja mwieghra tal-*SNS Bank,* aktar u aktar meta c-cirkostanzi partikolari tal-Bank u r-riskju spekulattiv tal-*bonds* subordinati kienu jirrendu investiment spekulattiv ghall-ahhar, li bl-ebda mod ma kellu jigi rrakkomandat lil klijenti *retail* bhalma kienu l-Ilmentaturi.

**Talbu lill-Arbitru:**

1. Jiddikjara li l-Ilment sottomess minn AF u NF kontra s-Socjetà Konvenuta, *All Invest Co. Ltd.,* jikkostitwixxi kaz fejn din tal-ahhar ma mxietx fl-ahjar interess tal-klijenti taghha skont ir-regim regolatorju applikabbli, inkluz l-obbligi naxxenti minn Artikoli 1124A u 1124B tal-Kodici Civili, meta dawn l-obbligazzjonijiet, *inter alia*, "*jinqalghu bis-sahha tal-ligi, kuntratt, kwazi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imgiba*." Dan meta l-*All Invest* tat parir lill-klijenti taghha biex jinvestu fl-*SNS Subordinated Bond 2020* ghall-valur ta' €19,000 fit-22 ta' Novembru, 2011;

2. Jiddikjara li bl-istess komportament tas-Socjetà Konvenuta, din tal-ahhar ma adempjietx l-obbligi taghha, inkluz dawk kontrattwali, versu l-Ilmentaturi meta l-agir ilmentat kien jikkostitwixxi negligenza grossolana, *culpa lata* u *reckessness,* jew malizzja, u ghalhekk hatja ta' *investment misselling*;

3. Jiddikjara u jiddeciedi li s-Socjetà Konvenuta tigi ordnata li tikkompensa lill-Ilmentaturi u tirrintegrahom fil-pozizzjoni finanzjarja taghhom precedenti ghal dan l-investiment fl-*SNS Subordinated Bond 2020,* u dan billi jigi restitwit il-kapital originali investit ta' €19,000, flimkien mal-imghaxijiet kif qed jintalab hawn taht;

4. Jiddikjara u jiddeciedi li s-Socjetà Konvenuta tigi ordnata thallas imghax b'rata ragonevoli kif gej:

(i) ghall-perjodu bejn it-22 ta' Novembru 2011 (id-data meta sar l-investiment suggett tal-Ilment) sal-1 ta' Frar 2016 (id-data tal-ittra konklussiva tal-*MFSA* dwar l-Ilment tal-Ilmentaturi) fuq is-somma originarjament investita ta' €19,000;

Bil-hsieb li dejjem ikunu ragonevoli u ekwi fit-talbiet illi jaghmlu, l-Ilmentaturi umilment jitolbu u jissuggerixxu li rata ta' imghax ekwa ghal dan il-perjodu partikolari ghandha tkun wahda ekwivalenti ghal rendiment li kien dak iz-zmien ikun kumpatibbli mal-attitudni ta' riskju kawt taghhom u li kien ikun jikkostitwixxi investiment idonju ghalihom, bhalma kien ikun ir-rendiment annwali/*yield to maturity* fuq *bond* tal-Gvern Malti ta' 10 snin u li seta' nxtara fl-istess zmien, jigifieri fit-22 ta' Novembru 2011. Ir-rata f'kaz bhal dan kienet ta' 4.49% *per annum* fil-kaz tal-*Malta Government Stock* 5.10% 16/08/22, kif evidenzjat minn dokument mahrug mill-Bank Centrali ta' Malta li juri l-prezzijiet u l-*yields to maturity* (jew rendiment annwali effettiv) ghal *bonds* tal-Gvern tat-22 ta' Novembru 2011;

(ii) ghall-perjodu bejn it-2 ta' Frar 2016, sal-gurnata tal-hlas effettiv fuq is-somma inizzjali investita ta' €19,000, bir-rata statutorja ta' 8% *per annum ai termini* tal-Kodici Civili;

Jew kif l-Onorabbli Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji jidhirlu xieraq, ekwu, gust u opportun;

Mill-imghax kif gie deciz mill-Onorabbli Arbitru ghandu jitnaqqas l-imghaxijiet percepiti qabel it-taxxa, fil-31 t'Ottubru 2012, mill-Ilmentaturi fuq l-istrument finanzjarju suggett ta' dan l-Ilment ta' €1,187.50;

5. Jiddikjara u jiddeciedi li, simultanjament mal-pagamenti kif jintalab f'paragrafi 3 u 4 hawn fuq, jew kif jigi ordnat mill-Onorabbli Arbitru, l-Ilmentaturi ghandhom jittrasferixxu t-titlu legali u beneficjali fl-investiment li hu s-suggett ta' dan l-Ilment, jigifieri l-*SNS Subordinated Bond 2020* ghall-valur nominali ta' €19,000, lis-Socjetà Konvenuta, flimkien ma' surroga favur u a beneficcju tal-istess Socjetà Konvenuta

tad-drittijiet kollha residwi li ghandhom fl-istess investiment, inkluz id-drittijiet litigjuzi, u sia dawk akkwistati b'operazzjoni tal-ligi, kuntratt jew kwalsiasi mod iehor.

6. Bl-ispejjez kontra s-Socjetà Konvenuta.

**Ra r-risposta fejn il-provditur tas-servizz jghid:**

1. Illi preliminarjament, l-intempestività ta' dawn il-proceduri, partikolarment tat-tielet talba, u dan stante illi, kif jirrizulta *ex admissis* mill-istess Ilmentaturi,[1] ghad hemm proceduri pendenti l-Olanda rigward kumpens dovut lill-investituri tal-prodott *de quo* u, ghaldaqstant, f'dan l-istadju lanqas ma huwa possibbli li jigi asserit li l-Ilmentaturi soffrew xi telf;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, inkwantu illi nonostante t-talbiet fl-Ilment, l-Ilment proprju huwa dikjarat li huwa *"dwar it-telf ta' kapital ta' €19,000"*, jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kuntradittur tal-Ilmentaturi;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-Ilment odjern jittratta allegazzjoni li l-kunsens tal-Ilmentaturi ittiehed b'xi qerq jew li ma kienux informati bin-natura tal-investiment b'tali mod li kieku ma kienux jidhlu ghalih;

5. Illi hemm kunflitt lampanti bejn l-Ilment dwar it-telf effettiv tal-kapital, u t-talbiet fl-Ilment – l-Ilment proprju jirrigwarda t-telf materjali tal-kapital, mentri t-talbiet jirrigwardaw nuqqasijiet regolatorji li r-rimedju ghalihom mhux necessarjament jinkludi, jew ghandu jinkludi hlas tal-kapital mitluf izda izjed, min-natura ta' dawk l-allegazzjonijiet igorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Vide pagna 12, para 5.4 tal-Ilment odjern

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti m'ghandha ebda kontroll u anqas ma tiggestixxi hi l-investiment *de quo* (*All Invest Company Ltd.* hija biss intermedjarja), u ghaldaqstant, ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investiment seta' garrab;
7. Illi, ghal kull *buon fini*, in-nazzjonalizzazzjoni tal-*SNS NV Bank*, bit-telf li dan gab mieghu, ghandu jitqies bhala '*casus*';
8. Illi l-ewwel talba tar-rikors promotur lanqas ma tista' tirrizulta *stante* li l-eccepjenti ma tat ebda parir lill-Ilmentaturi;
9. Illi ghall-fini tat-tieni talba, ma hux minnu li l-eccepjenti ma agixxewx sew, jew agixxew bi ksur ta' xi regolamenti fil-konfront tal-Ilmentaturi u, ghaldaqstant, m'ghandhomx jinsabu responsabbli ghal ebda danni fil-konfront taghhom, u f'kaz li tintlaqa' d-disa' eccezzjoni, ma tistax tintlaqa' t-tieni talba *stante* li hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba;
10. Illi l-hames talba ma hiex kontemplata fil-Ligi u, ghaldaqstant, anke kieku dan it-Tribunal Arbitrali kellu jilqa' t-talbiet attrici l-ohra, din it-talba hija improponibbli;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' x-xhieda**

**Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet**

**Ra d-dokumenti kollha esebiti**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

L-ewwel eccezzjoni hija dik dwar tempestività tal-Ilment. Dan l-Ilment jittratta l-allegat telf ta' flus tal-Ilmentaturi ghaliex, skont huma, fost affarijiet ohra, inbieghilhom prodott finanzjarju b'mod hazin (*misselling*).

Kaz ta' *misselling* isehh fejn, fost affarijiet ohra, il-bejgh ma jsirx tajjeb, ma jsirx skont l-ahjar interessi tal-klijent; ma jinghatawx l-informazzjoni korretta dwar il-prodott; jekk il-prodott mibjugh ma jkunx idoneju ghall-profil tar-riskju tal-klijent; ma jigux osservati l-obbligi fiducjarji li jinholqu bejn klijent u provditur

tas-servizz, ecc, u dan indipendentement mill-ezitu tal-prodott. Dan ghaliex jista' jsehh *misselling* ta' prodott li ma jfallix, u jista' prodott ifalli u jkun inbiegh tajjeb.

Barra minn hekk, hemm kontradizzjoni f'dak li jissottometti l-provditur tas-servizz ghaliex jghid li l-azzjoni hija preskritta (jigifieri messha saret qabel), u issa qed jghid li saret qabel iz-zmien.

Barra minn hekk, l-Arbitru m'ghandu l-ebda prova li l-Ilmentaturi huma parti mill-kawza li jghidu li hemm bejn l-*SNS Bank NV* u l-Gvern Olandiz u, ghalhekk, ma jfissirx li tali decizjoni se ssolvi l-problema li nholqot lill-Ilmentaturi mal-bejgh mill-provditur tas-servizz tal-prodott *SNS*.

Barra minn hekk, kif inhu mahsub minn hafna, ic-cans li l-investituri jirkupraw flushom huwa remot hafna.

Ghalhekk, m'hemm xejn intempestiv u din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fit-tieni eccezzjoni jinghad li l-provditur tas-servizz mhux il-legittimu kontra-dittur. Galadarba l-Ilment huwa dwar nuqqasijiet attribwiti lill-provditur tas-servizz minhabba r-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom, meta inbiegh il-prodott *de quo*, allura, bla dubju l-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni**

L-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni huma a bazi tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat meta ssir azzjoni ghar-rexissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

*"L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza."*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, il-Qrati taghna sostnew: [2]

*"Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn."*

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza **Avv Dr. Pio M. Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

*"Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili: 'il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat,' hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)."*

Kif anke gie ritenut ricentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz simili kontra provditur ta' servizz finanzjarju,[3] ir-relazzjoni *de quo* hija ta' natura kuntrattwali.

Anke f'kazi fejn hemm obbligazzjonijiet kuntrattwali jistghu jintalbu hlas ta' danni, u fil-kaz *de quo,* essenzjalment, qed jinghad li peress li meta sar il-kuntratt tal-bejgh tal-prodott, il-provditur tas-servizz naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu meta sehh bejgh hazin ta' prodott, l-Ilmentaturi qed jitolbu li, f'kaz bhal dan, jinghatalhom kumpens fis-sens li jinghataw il-kapital li investew kif jigri f'kazi ta' *misselling* ta' prodott finanzjarju.

In-natura tal-azzjoni lanqas ma tiddependi fuq il-kliem preciz li jintuza, u dan gie anke rikonoxxut mill-Qorti.

---

[2] *Go p.l.c*. vs Charles Dimech,PA 28/07/2011
[3] Roland Darmanin Kissaun vs *GlobalCapital Financial Management Ltd, PA,* 1/06/2017

Kif gie stabbilit mill-Qrati taghna, biex tigi determinata liema preskrizzjoni ghandha tapplika, wiehed irid ihares lejn xhiex hija immirata l-azzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Frank German vs Domenico Azzopardi, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1950, jinghad li:**

*"**...** l-indoli ta' l-azzjoni tigi desunta mhux tant mill-kliem più o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghalih huwa intiz il-gudizzju."*

Minn dan isegwi li, ghall-finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-provdituri tas-servizz, huwa necessarju li ssir indagini dwar il-vera natura tal-azzjoni li qieghda tigi ezercitata mis-socjetà attrici.

Hekk ukoll, fis-sentenza[4] fl-ismijiet **Peter Montebello vs Peter Montebello et,** il-Qorti qalet proprju hekk:

"*Din hija ghazla li l-ligi taghti lil kull parti attrici, u hija fuq din l-ghazla li jiddependi l-ezitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti taghzel li tressaq il-pretensjonijiet taghha kontra parti ohra fuq kawzali partikolari, l-eccezzjoni li titqanqal mill-parti mharrka kontra l-azzjoni maghmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawza u mhux fuq x'tahseb il-parti mharrka li setghet kienet il-kawzali vera."*

Fil-kaz odjern, l-Ilmentaturi u l-provditur tas-servizz kellhom relazzjoni kuntrattwali bejniethom, kemm meta inghata parir u kemm meta nbiegh lill-Ilmentaturi il-prodott *Lifemark.* Dan kif anke jirrizulta mill-*File Note*[5], mill-***Purchase Contract Note,***[6] kif ukoll mix-xhieda tal-partijiet.

F'dan il-kuntest l-Arbitru jrid jissottolinea li Ilment quddiemu mhuwiex bhal meta jigi pprezentat xi rikors guramentat fejn il-Kodici tal-Procedura jistabbilixxi certi parametri formali. Il-kaz quddiem l-Arbitru jista' jibda b'sempliciment ittra minn konsumatur li ma jkollux gharfien legali jew mili ta' formola kif gara f'dan il-kaz.

Il-Kap. 555 jghid car u tond li l-Arbitru jrid ihares aktar lejn is-sustanza milli l-formalità u, ghalhekk, is-semplici mili ta' formola mill-konsumatur u l-kliem li jigi uzat, kif anke qalet il-Qorti fil-kazi fuq citati, ma jiddefinixxux l-azzjoni.

[4] PA, 25 ta' Settembru 2003
[5] A fol 56 et seq
[6] A fol 61 et seq

Veru forsi li l-Ilmentaturi setghu ipprezentaw l-Ilment b'mod aktar iffukat, imma xorta wahda l-Arbitru jifhem li l-Ilment huwa bazikament dwar nuqqasijiet li johorgu mir-relazzjoni kuntrattwali li sehhew waqt li kien qed jinbiegh il-prodott *SNS.*

F'dan il-kaz jidher car li l-Ilmentaturi qed jghidu li l-provditur ma adempixxiex l-obbligi kuntrattwali tieghu, kif anke definiti mir-regolamenti (jew linji gwida) tal-*MFSA* li jaghmlu din ir-relazzjoni wahda specjali u tali kuntratt irid, fost affarijiet ohra, jigi interpretat f'dan il-qafas regolatorju wkoll.

Ghalhekk, l-eccezzjoniet dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

Dwar l-eccezzjoni l-ohra (numru 5) m'hemm xejn kunflingenti fl-Ilment ghaliex huwa car fil-Kap. 555, li jekk jirrizulta l-Ilment, skont l-Artikolu 26 tal-istess Att, l-Arbitru jista' jaghti rimedju kumpensattiv ghat-telf tal-kapital, fost l-ohrajn.

Dwar eccezzjoni numru sitta, il-provditur tas-servizz, meta kien qed jaghti s-servizz finanzjarju, kien qed jaghmlu bhala principal li kellu licenzja mill-*MFSA* biex joffri dak is-servizz u responsabbli, anke skont l-istess regolamenti tal-*MFSA*, ghall-konsegwenzi li jista' jgib mieghu dak l-ghoti tas-servizz. L-istess jista' jinghad ghall-eccezzjoni numru 7.

L-eccezzjoni numru 8 hija wahda frivola ghaliex jirrizulta, bl-aktar mod ampju, li l-provditur tas-servizz biegh prodott finanzjarju lill-Ilmentaturi u l-fatti (ghall-kuntrarju ta' dak li hemm deskritt bhala *promote and sell*), juru li l-Ilmentaturi kienu qed joqghodu fuq il-parir tal-provditur tas-servizz meta xtraw il-prodott *de quo.*

Ghalhekk, dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

**Dwar il-Mertu**

L-Ilmentaturi qed jilmentaw li sofrew telf ta' kapital ta' €19,000, u d-dhul minnu fl-*SNS Subordinated Bond 2020*. Dan l-investiment inbiegh lilhom minn Wallace Falzon, direttur tas-Socjetà Konvenuta, fit-22 ta' Novembru 2011, b'servizz ta' investiment imsejjah *promotion and selling*.

L-Ilmentaturi kienu jafu lis-Sur Falzon wara li dan tal-ahhar kien, fuq medda ta' zmien, bieghilhom poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja, peress li kien ukoll intermedjarju tas-socjetà *MSV Life p.l.c.*

Fl-Ilment taghhom huma spjegaw li fis-17 ta' Mejju 2010, l-Ilmentaturi kienu ffirmaw talba biex jifdu polza tal-MSV *Unit Linked Single Premium*, li r-rikavat minnha kien jammonta ghal €10,403.97.[7] Ma' dan l-ammont, l-Ilmentaturi ziedu ammont li kienu gibdu minn kont bankarju taghhom u ghaqqdu l-ammont ghal €19,000. Dan l-ammont aggregat kien investit fl-*ARM Assured Income Plan* li kellu terminu ta' hames snin u kellu jrendi imghax/dhul ta' 7.5% kull sena. L-investiment beda fl-10 ta' Gunju 2010.[8]

L-awtoritajiet regolatorji fil-Lussemburgu, fejn l-*ARM* kellha is-sede legali taghha, ma kienux hargu l-awtorizzazzjoni biex l-*ARM* tohrog aktar *bonds* u, ghalhekk, peress li l-investiment li gew mibjugha mis-Socjetà Konvenuta ma kienx licenzjat, f'Jannar 2011, l-Ilmentaturi inghataw rifuzjoni tal-ammont kollu investit.

F'dak ix-xahar stess, cioè, fit-18 ta' Jannar 2011, il-provditur tas-servizz hareg ircevuta[9] ghall-ammont ta' €19,000, biex jigi investit f'investiment li kien deskritt kif gej: "*Secure Capital x 7y*".

Il-metodu ta' pagament huwa deskritt bhala "*Transfer from ARM Redemption*". F'Marzu 2011, l-Ilmentaturi rcevew ittra minghand il-provditur tas-servizz li taghmel referenza ghall-investiment taghhom f'*Secure Capital S.A.*, u li kellhom jibdew jircievu dhul (*income)* ta' 7.1% (*gross*) mill-1 ta' Marzu 2011. Huma kienu mwieghda li se tintbaghtilhom il-*Contract Note* malli s-Socjetà Konvenuta jircevuha minghand *Secure Capital S.A.*[10]

Ftit tax-xhur wara, precizament fit-22 ta' Novembru 2011, giet kumpilata *File Note*[11] mis-Socjetà Konvenuta li turi li kienet qed tinbieghilhom il-*bond* 6.25% *Subordinated Bonds* (*ISIN XS0552743048).* Skont il-formularju, is-servizz ta' investiment li inghata meta inbieghet din il-*bond* lill-Ilmentaturi sar bi *promotion and selling*.

---

[7] A fol 46
[8] Ara taqsima 2.4 tal-Ilment, a fol 5
[9] A fol 54 (Dok K.i tal-Ilment)
[10] A fol 55 (Dok K.ii tal-Ilment)
[11] A fol 56 sa 59 (Dok L.i tal-Ilment)

L-ghada, cioè, fit-23 ta' Novembru 2011, is-Socjetà Konvenuta harget ircevuta[12] li bhala *Investment Description* kien hemm miktub *SNS Bank Bond 2020 @ 6.25% gross Nominal value of €19,000*.

Inharget *Purchase Contract Note*[13] li kienet turi t-*Trading Day* bhala 3 ta' Ottubru 2011, filwaqt li s-*Settlement Day* kienet turi 25 ta' Novembru 2011. Turi wkoll *Nominal Value EUR19,000.*

Fl-1 ta' Frar 2013, il-Gvern Olandiz esproprija l-azzjonijiet kollha u d-dejn *subordinated* ta' *SNS Bank N.V.* minghajr kumpens. Is-*subordinated bond* tat-tip li kellhom l-Ilmentaturi kienet fost il-kategorija ta' sigurtajiet mahruga mill-bank Olandiz li giet esproprijata.

**Analizi tal-Prodott**

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** *(ISIN: XS0552743048)* inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS Reaal* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Skont taghrif li jista' jinkiseb pubblikament, il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin, b'mod partikolari minhabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussidjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013, b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' tliet snin, qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies.* Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u, sahansitra, baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank, li jkun qed johrog il-*bond*, ma jasalx biex ihallas.**

[12] A fol 60 (Dok L.ii tal-Ilment)
[13] A fol 61 (Dok L.iii tal-Ilment)

***Subordinated Bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni. Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u s-*senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Il-fatt li *SNS Bank* kien *systemically important bank* fl-Olanda, ma kienx ifisser li, akkost ta' kollox, l-istat kien se jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008.

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu.

Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien se juza din il-ligi, ghall-ewwel darba, fir-rigward tal-*SNS,* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest* ghall-Ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

**Kif inbiegh u kellu jinbiegh dan il-prodott lill-Ilmentaturi**

Il-provditur tas-servizz jiddikjara li biegh dan il-prodott a bazi ta' *promote and sell* li, fi ftit kliem, ifisser li hu ma kienx qed jaghtihom parir, imma kellu biss l-obbligu li jispjegalhom il-karatteristici tal-prodott.

Però, l-fatti tal-kaz juru xorta ohra. L-Ilmentaturi xehdu li huma kienu nies li ma jifhmux fil-qasam tal-investiment fis-settur finanzjarju, u kienu joqghodu kompletament fuq dak li kien jghidilhom Wallace Falzon.

Perezempju, in kontroezami, NF, xehdet hekk:

*"Ahna ma staqsejniex dwar ir-riskji tal-SNS wara li konna morna hazin fl-ARM ghaliex ma konniex nifhmu, konna nhallu f'idejh biex jaghtina parir u kien jghidilna, ' Dan ahjar, dan ahjar.'"*[14]

Dan huwa korroborat minn zewgha li jaghmilha cara li huma kienu jafdaw lil Wallace Falzon, u li kienu jiddependu totalment fuqu. Ghalhekk, kif seta' jbieghilhom dan il-prodott a bazi ta' *promotion and selling?*

Imma jekk l-Arbitru kellu jaccetta li dan il-prodott inbiegh a bazi ta' *promote and sell,* xorta wahda li l-provditur tas-servizz kellu obbligi regolatorji xi jhares.

Dwar dawn it-tip ta' *bonds*, il-provditur tas-servizz kellu jara, qabel kollox, jekk l-investitur kienx f'qaghda li jifhem sew mhux biss in-natura ta' dawn il-*bonds* imma wkoll ir-riskji abbinati maghhom.

Il-provditur tas-servizz kellu jistabbilixxi jekk l-investitur prospettiv kellux *knowledge and experience* fit-tip ta' investiment relevanti ghal prodott jew servizz li kien qed jigi offrut jew mitlub. Dan kellu jsir biex il-provditur ikun f'qaghda li janalizza jekk il-prodott jew servizz hux tajjeb (*appropriate*) ghall-investitur.

L-*Appropriateness Test* li kellu jsir mill-provditur kellu appuntu dan il-ghan.

Apparti hekk, il-provditur kien ukoll obbligat li jaghti taghrif (*disclosure*) dwar il-karatteristici tal-prodott, kif ukoll ir-riskji abbinati. Dan sabiex l-investitur seta' jiehu decizjoni infurmata.

Dan huwa stabbilit f'Regoli 2.21 u 2.22 tal-*Investment Services Rules - Standard Licence Conditions (ISR-SLC)* mahruga milll-*MFSA* li kienu japplikaw ghall-provditur tas-servizz odjern.

L-*Appropriateness Test* li jghid li ghamel il-provditur tas-servizz qatt ma seta' jwassal biex jiddeciedi li l-Ilmentaturi kellhom in-*'knowledge'* u *'experience'* biex jifhmu xi jfisser *subordinated bond* u r-riskji li kienu marbuta mieghu.

Mhix raguni li anke f'Malta kien hawn banek li kienu qed joffru '*subordinated bonds*'. Jekk kienu qed ibieghu dawn il-prodotti, kellhom l-istess obbligi regolatorji.

[14] A fol 221

U l-osservanza jew in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-regoli u ohrajn, hu wiehed mit-testijiet li jrid jaghmel l-Arbitru biex jasal ghal decizjoni jekk l-imgiba tal-provditur kienetx ekwa, gusta u ragonevoli.

**L-Esperjenza tal-Ilmentaturi fl-Investimenti**

Il-fatt li l-provditur tas-servizz kien bieghilhom zewg investimenti ohra ma kienx jaghmilhom tal-esperjenza biex setghu jifhmu l-prodott *SNS.*

Is-Sur Falzon, fil-kontro ezami tieghu tas-17 ta' Jannar 2017, qal:

*"Fuq l-asset backed securities tal-Ilmentaturi, meta investew fl-ARM, nghid li ma kienx hemm esperjenza, u biex tibni l-esperjenza minn xi mkien trid tibda."*

Dan huwa argument zbaljat. L-esperjenza ma tibdihiex billi investitur, li qatt ma kellu investimenti ohra, jew esperjenza limitata hafna ta' investimenti (kif inhu f'dan il-kaz), jigi offrut *complex product*, u tiggustifika investimenti kumplessi ohra sussegwenti ghax "*minn xi mkien trid tibda*".

Il-fatt li l-provditur tas-servizz kien digà bieghilhom xi prodotti finanzjarji ohra, differenti mill-*SNS*, ma kienx jaghtihom dik l-esperjenza mehtiega biex jifhmu ezattament x'inhu *subordinated bond.*

Zgur li billi inbieghilhom investiment, li hallas lura wara ftit ghax ma giex licenzjat mir-regolatur fil-Lussemburgu, u investiment iehor (ukoll kumpless) li, allegatament, kien sejjer hazin tali li kellu jingibed qabel iz-zmien b'telf ta' 30 fil-mija, l-investituri ma gabu ebda esperjenza fl-investimenti.

Huma dejjem afdaw fis-Sur Falzon, anke wara li ngidmu. Huwa car li kull darba li investew, kienu qed jaghmlu dan ghax strahu fuq it-taghrif u l-gwida tal-provditur, li huma hasbu li kien qed jaghtihom parir finanzjarju, cioé, jiggwidahom ghal dawk il-prodotti ta' investiment li huma idoneji ghac-cirkostanzi partikolari taghhom.

Jekk allura l-investituri ma kellhomx esperjenza fl-investimenti, allura il-provditur kellu mill-ewwel jasal ghall-konkluzjoni li l-investituri ma kellhomx *knowledge and experience,* u ma kienu qatt f'qaghda li jifhmu r-riskji abbinati mal-prodott jew servizz li kien qed jigi offrut jew mitlub.

Kif issemma', dan l-obbligu johrog minn *Standard Licence Conditions 2.21* u *2.22* ta' *Part B1*[15] (*Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders*).

Wiehed, allura, ma jistax jasal biex jifhem fuq liema bazi t-twegibiet fl-*Appropriateness Test*, li imtela qabel l-investiment fil-*bonds SNS,* kellhom kollha twegiba *"YES".*

Dan l-investiment inghata lill-Ilmentaturi ghaliex l-investiment li kien inbiegh-ilhom qabel kien sejjer hazin u Wallace Falzon ried jara kif jirrimedja.

Fl-affidavit tieghu, is-Sur Wallace Falzon[16] qal li f'Novembru 2011,

*"... ircevejna l-informazzjoni illi l-prodott Secure Capital Income – 7 Yr, kien sejjer hazin. Wiehed mill-ex diretturi li kien ukoll salesman tal-prodott kien infurmani li l-investiment kien sejjer hazin u li x'aktarx kien ser ifalli. .... Internament, fi hdan l-All Invest Company Limited, kellna diskussjoni dwar l-alternattivi ghall-klijenti kollha taghna li kellhom dan il-prodott. Konna nafu li jekk il-klijenti jigbdu l-investiment, kien ser ikun hemm telf ta' cirka tletin fil-mija (30%) tal-kapital, u dan minhabba l-exit fees imposti mis-Secure Capital S.A. Biex nimmitigaw it-telf li kienu ser isofru l-klijenti taghna (li kien ser ikun cirka 30% tal-kapital), tlabna lill-Sparkasse Bank sabiex jipprovduna b'lista ta' bonds li kienu madwar 30% under par sabiex min xtaq jerga' jinvesti flusu, seta' jaghmel dan u ma johrogx aktar flus minn butu u jkollu nvestiment b'valur nominali fl-ammont tal-kapital li kellu."*

L-istrategija tas-Socjetá Konvenuta kienet li jigi identifikat investiment alter-nattiv ghal *Secure Capital S.A.*, li kellu prezz ta' xiri (*purchase price*) li jqarreb dak ta' bejgh (*sale price*) tal-investiment imma wkoll li mal-maturità jhallas ammont ekwivalenti ghall-ammont li jkunu dahlu bih l-investituri (cioè, l-ammont nominali tal-investiment li kellu jinxtara). B'hekk, l-investitur ma jkunx jidher li tilef mill-kapital investit. X'aktarx ukoll, mill-ghazla tal-investi-ment, is-sena tal-maturità tal-investiment alternattiv kellha tkun, bejn wiehed u iehor, tal-istess sena li kellu jimmatura l-investiment li nbiegh. F'dan l-aspett,

[15] A fol 77 u 78
[16] A fol 212 sa 215

jekk is-*Secure Capital S.A.* kellu jimmatura wara seba' snin (allura fis-sena 2018), l-investiment alternattiv li gie identifikat kellu jimmatura f'dik is-sena stess jew f'perjodu vicin ta' dik is-sena. Il-*bond SNS* kellha timmatura fis-sena 2020, allura sentejn wara.

Il-*bond SNS,* mal-maturità, kellha thallas l-ammont nominali taghha, mija b'mija, u b'hekk l-investituri kellhom jiehdu valur li jqarreb l-ammont originar-jament investit minnhom fis-*Secure Capital S.A.*

Il-bejgh ta' *SNS bonds* lill-Ilmentaturi ma sarx ghax kien hemm process ta' parir ibbazat fuq xi rakkomandazzjoni personalizzata li tanalizza il-htiega tal-investituri biex jigu offruti investimenti adatti ghac-cirkostanzi taghhom. Il-*bond* tal-*SNS* intghazlet mis-Socjetà Konvenuta ghax l-investiment fis-*Secure Capital S.A.* jidher li kellu l-problemi, u s-Socjetà Konvenuta riedet tirrimedja s-sitwazzjoni xejn felici.

Fl-affidavit tieghu,[17] is-Sur Falzon qal li qabel ma gew offruti s-*Secure Capital S.A.* u anke l-*SNS Subordinated Bonds*, l-Ilmentaturi gew offruti ghazla bejn investiment jew iehor. Huwa qal li s-*Secure Capital S.A*. offrieh, flimkien ma' polza tal-assigurazzjoni *Single Premium*, u qabel ma offra l-*SNS Bond*, offra wkoll *bond* tar-*Royal Bank of Scotland.* Allura, wiehed isaqsi: jekk l-Ilmentaturi jidher li inghataw ghazla, ghaliex it-tranzazzjoni, fil-kaz tal-*bond SNS,* giet registrata bhala *promotion and selling* u mhux *advice*? Huwa ovvju li kull tranzazzjoni ta' investiment li saret ma saritx bl-inizjattiva tal-Ilmentaturi, imma kull darba, kien il-provditur li mar ghandhom u offrielhom prodotti ta' investiment li hu biss kien jaf dwarhom u x'karatteristici kellhom.

Fil-kontroezami tas-17 ta' Jannar 2017,[18] is-Sur Falzon qal hekk:

*"Qed nigi mistoqsi ghaliex il-Purchase Note hija datata hamsin gurnata qabel id-data tal-laqgha nghid li le, nkunu iltqajna qabel u l-process tal-kitba isir fit-tieni appuntament, però f'dan il-kaz ma niftakarx."*

[17] A fol 212 sa 215
[18] A fol 219

Izid jghid:

*"Mistoqsi dwar id-Dok. L.ii, esebit mal-Ilment u fl-ircevuta wkoll, fejn qed jigi suggerit lili l-prezz tas-suq kien dejjem bejn 60 u 70, allura kif fuq il-Purchase Note u l-ircevuta gew iccargjati €19,000 flok €19,000 x 60%, nghid illi qed nimmissjaw nota importanti hafna: li hemm miktub 'nominal value and not the price paid'."*

Jekk, qabel ma gie mibjugh il-*bond SNS* mis-Socjetà Konvenuta, kien hemm verament laqgha ohra qabel il-laqgha tat-23 ta' Novembru 2011, kif qal is-Sur Falzon, xorta jibqa' l-fatt li l-*File Note* ma taghmel ebda referenza ghal din il-laqgha.

Apparti dan, il-*File Note* imtliet fit-22 ta' Novembru 2012, u t-*Trade Date & Settlement Date* kienu tlitt ijiem wara, cioé, l-25 ta' Novembru 2011. U anke kieku saret laqgha ohra, mhux normali, skont il-prassi tas-suq, li s-*Settlement Date* tkun 50 jum wara t-*Trade Date.*

Id-dokumenti ipprezentati juru bic-car li dak li qal Wallace Falzon, huwa nieqes serjament mill-kredibilità u l-Arbitru jara li l-affidavits u x-xhieda tal-Ilmentaturi huma hafna aktar kredibbli .

**Nuqqas ta' taghrif dwar it-tranzazzjoni fl-*SNS 6.25% Subordinated Bond***

Il-provditur tas-servizz ma gab ebda prova kuntrarja ghal dokumentazzjoni prodotta mill-Ilmentaturi fir-rigward ta' indikazzjoni ta' prezzijiet li kien hemm fis-suq ghal din il-*bond* bejn it-3 ta' Ottubru 2011, (it-"*Trade Date*" u il-25 ta' Novembru 2011, is-"*Settlement Date*").

It-*TOTAL CONSIDERATION* (prezz tas-suq moltiplikat bil-valur nominali, l-*accrued interest* u l-ispejjez), mhux biss ma giex stabbilit b'certezza, imma lanqas ma hemm prova li l-ezekuzzjoni tal-ordini kienet l-ahjar rizultat possibli ghall-investitur, skont kif jitolbu provvedimenti dwar *Best Execution Requirements* – specjalment *SLC 2.54* u *SLC 2.61* – tal-istess *Standard Licence*

*Conditions,*[19] li provdituri licenzjati mill-*MFSA* huma obbligati li jaderixxu maghhom meta jesegwixxu ordnijiet li jsiru mill-klijenti taghhom.

Dan kollu jorbot ukoll mal-fatt li l-Ilmentaturi qajla inghataw taghrif dwar il-karatteristici tal-*bond* li kienu qed jinvestu fiha.

Il-*Purchase Contract Note,* fir-rigward tal-*bonds* tal-*SNS*, ma kienx fiha t-taghrif necessarju li, normalment, wiehed jistenna li jkun hemm f'dokument li juri, ghas-sodisfazzjon tal-investitur, ghal xhiex hallas il-flus.

Apparti dan, lanqas biss il-*Purchase Contract Note* ma kienet turi l-prezz tas-suq li inxtrat il-*bond*, l- *Accrued Interest* u anke ic-*charges* (tal-intermedjarju u anke tal-kustodju), skont kif titlob *SLC 3.22* ta' *Part B1 (Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders),*[20] mahruga mill-*MFSA.* Ma jista' qatt jigi accettat li dan it-taghrif importanti ma jinghatax fuq *Purchase Contract Note*, jew li jinghata dan it-taghrif jixbhu, miktub bl-idejn, fuq xi dokument iehor (bhal f'dan il-kaz, il-*File Note*).

Lanqas id-dokument[21] li jelenka aspetti jew karatteristici ewlenin relatati mal-*bond* ma kien komplut ghax lanqas biss kien hemm dettalji dwar ir-riskji relatati ma' *subordinated bonds* (apparti li ma kien hemm ebda referenza ghall-i*status* tal-*bond*).

Irid jinghad ukoll li l-ircevuta li kellha tinghata lill-Ilmentaturi, kellha turi l-ammont li s-Socjetà Konvenuta irceviet minghand l-Ilmentaturi ghall-investiment li kienu se jaghmlu. Referenza ghall-ammont tal-valur nominali fuq l-ircevuta mhux biss huwa irrelevanti, imma zvijja wkoll l-investituri mill-fatt, skont kif iddikkjara is-Sur Falzon stess, li kienu tilfu 30% mill-valur tal-investiment taghhom f'*Capital Secure S.A.,* wara biss ftit xhur li kienu investiti fih.

Mhux biss, allura, l-investiment ma kienx tajjeb u adatt ghall-Ilmentaturi, imma l-process ta' bejgh u n-nuqqas ta' taghrif li inghata, certament ma kienx fl-ahjar interess tal-investituri u li ma wassalx biex jiehdu decizjoni infurmata.

[19] A fol 83A u 84
[20] A fol 98
[21] A fol 62 (Dok. L.iv tal-Ilment)

Minn dan kollu jidher car li l-provditur tas-servizz ma kienx qed jagixxi fl-ahjar interessi tal-klijenti kif jipprovdi r-regolament li jghid li :

*"… a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients, and shall comply with the relevant provisions of the Act ....."*[22]

Dan johrog ukoll mid-direttiva *MiFID* li tapplika ukoll ghal pajjizna.

L-Arbitru jrid jenfasizza li l-ksur tar-regoli mahruga mill-*MFSA* lil-*Licence holders* ta' servizzi finanzjarji, bhalma kienet *All Invest Co. Ltd.*, m'ghandhomx biss sinifikat regolatorju imma, skont il-Kap. 555,[23] dawn ir-regoli mahrugin minn Awtorità Nazzjonali jew Ewropea, huma wiehed mis-sorsi guridici li ghandu l-Arbitru biex ikun jista' jasal ghall-konkluzjoni jekk ghandux jilqa' l-Ilment.

Ghalhekk, il-ksur ta' dawn ir-regoli normattivi fihom piz biex l-Arbitru jara jekk il-provditur tas-servizz kienx qed jaqdi l-obbligi kuntrattwali tieghu.

Huwa importanti li jintqal li ghoti ta' parir u bejgh ta' prodott finanzjarju huwa kuntratt li jaqa' taht il-ligijiet specjali li japplikaw ghall-qasam tas-servizzi finanzjarji u r-regoli tal-*MFSA* imsemmija huma parti minn dan il-qafas.

Hemm ukoll il-Kap. 378 li joffri harsien lill-konsumatur. Fost ir-regoli ewlenin taht dan l-Att, hemm illi servizz professjonali jrid jinghata b'*buona fede*. Dan il-principju ilu jezisti sew qabel dan l-Att, tant li jitqies wiehed mill-principji fundamentali ghal kull kuntratt.

Il-mod kif inbiegh il-prodott *de quo* (li kien parti minn kullana li nbniet bhala parti mill-istrategija tal-*All Invest Co.Ltd.,* kif 'il fuq spjegat), ma ntwerietx din il-*buona fede* min-naha tal-provditur tas-servizz.

Fin-nota ta' osservazzjonjiet tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li l-Ilmentaturi, bil-livell ta' edukazzjoni li kellhom, setghu jifhmu r-riskji ta' dan il-prodott.[24] Dan huwa ferm 'il boghod mill-verità ghaliex, kif jirrizulta mill-process, l-Ilmentaturi huma nies ta' xoghol manwali, u meta mistoqsi in kontroezami, dwar dan, Wallace Falzon qal li ma jiftakarx x'kienu jaghmlu.

[22] *Investment Services Rules- Standard Licence* Conditions Regola 2.01
[23] Art. 19(3)(c)
[24] A fol 249

AF u martu NF, ghamlu biss skola sa 14-il sena. L-Ilmentatur hadem bhala *dish washer, unskilled labourer* u xoghol ta' manutenzjoni, filwaqt li l-Ilmentatrici hadmet bhala *machine operator* u *factory worker.* Il-livell tal-Ingliz taghhom kien wiehed baziku hafna u, ghalhekk, ma setghux jifhmu la l-letteratura dwar dan il-prodott, u lanqas id-dokumenti (bhall-*File Note*), li kienu fi *standard form* u teknici, li kien jinkombi fuq il-provditur tas-servizz li mhux biss jaqrahomlhom imma jispjegahomlhom b'mod hafif Ii jifhmuhom.

L-Arbitru jaf li gieli anke nies professjonisti esperti fil-qasam taghhom, ihossu-hom mitlufin meta jigu biex jinvestu f'dan il-qasam, ahseb u ara nies bhall-Ilmentaturi li kellhom biss livell baxx hafna ta' edukazzjoni.

Gurisprudenza li tezisti fejn titfa' l-piz fuq il-konsumatur, li donnu jitqies li kellu hafna obbligi x'jaghmel, filwaqt li min qieghed f'qaghda ahjar li jifhem jigi ezonerat, mhix idoneja ghal dawn il-kazi ghaliex, f'dawn il-kazi, ir-regoli specjali tal-*MFSA* li dawn il-*licence holders* huma obbligati li josservaw (kif spjegat aktar 'il fuq), saru apposta biex jindirizzaw dawn is-sitwazzjonijiet u l-piz li klijent jixtri prodott addattat ghalih jaqa' sew fuq il-provditur ta' servizz li mill-ezami li jaghmel irid jasal ghall-konkluzjoni oggettiva li l-klijent huwa f'qaghda li jinvesti fil-prodott offrut.

Dan kellu jwassal lill-provditur tas-servizz sabiex jipprotegi aktar lill-Ilmentaturi mit-tip ta' investiment li dahhalhom fih. Mhux gust li, imbaghad, il-provditur jipprova jitfa' l-htija fuq l-Ilmentaturi ghaliex jghid li messhom staqsew u qraw id-dokumenti. Anke kieku kellhom il-hila li jaqrawhom, zgur li ma kienux jifhmuhom.

Ghal Wallace Falzon, dan kien prodott '*vanilla'*, imma dak li kien semplici ghalih ma jfissirx li kien semplici ghall-Ilmentaturi.

F'dan il-qasam, f'dik li hi relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant, hemm piz akbar fuq il-kummercjant, ghaliex hemm zbilanc negozjali minhabba n-natura specjalizzata tan-negozju li jkun qed isir. Apparti dan, il-*File Note* u dokumenti ohra, li huma dokumenti *standard form* (u li ghalkemm kienu permessi li jintuzaw), kellhom jigu spjegati sew lill-Ilmentaturi fi kliem li setghu jifhmu.

Haga li ma gratx. Ghar-ragunijiet li inghataw, fosthom l-inkonsistenza ta' dak li xehed Wallace Falzon, imqabbel mad-dati tad-dokumenti li mela hu stess, u in konfront max-xhieda aktar veritiera tal-Ilmentaturi, l-Arbitru jasal biex jemmen il-verzjoni tal-Ilmentaturi. L-investiment ma sarx skont il-htigijiet tar-regolamenti 'l fuq imsemmija u l-provditur tas-servizz ma adempixxiex l-obbligi kuntrattwali tieghu li jaghti parir professjonali u korrett u joffri prodott li kien idoneju u jilhaq l-aspettattivi ragonevoli tal-konsumatur.

Barra minn hekk, kienet tezisti relazzjoni fiducjarja bejn l-Ilmentaturi u l-provditur tas-servizz ghaliex, kif xehdu l-Ilmentaturi, kienu fdaw flushom f'idejn il-provditur tas-servizz, liema flus kienu ghamluhom bil-hidma taghhom.

Il-provditur tas-servizz ma adempixxiex ruhu mal-obbligi kuntratttwali tieghu meta biegh dan il-prodott lill-Ilmentaturi u ma tahomx it-taghrif mehtieg fuqu; ma kienx addattat ghalihom u ma kienx jirrispekkja l-profil ta' riskju li riedu jiehdu.

Ghar-ragunijiet 'il fuq moghtija, l-Arbitru jqis l-Ilment bhala wiehed ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.

Dan wassal ghat-telf li garrbu l-Ilmentaturi. Galadarba l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-Ilment huwa wiehed gustifikat, jinholoq ness bizzejjed stabbilit mill-Kap 555, biex l-Arbitru jkun jista' jaghti kumpens finanzjarju lill-Ilmentaturi.

Ghall-fini ta' kumpens, f'kazi bhal dawn ta' bejgh hazin ta' prodott, l-Ilmentatur irid jitpogga, kemm jista' jkun, fil-pozizzjoni li kien fiha qabel.

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz u jilqa' l-Ilment, sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap 555 tal-Ligijiet ta' Malta, jordna lill-*All Invest Co. Ltd.* thallas lill-Ilmentaturi s-somma ta' dsatax-il elf ewro (€19,000).

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

Ghal ragunijiet ta’ ekwità u gustizzja, jekk ikun hemm xi rikavat minn dan l-investiment, dan ghandu jittiehed mill-provditur tas-servizz.

L-ispejjez tal-kaz ghandhom jithallsu mill-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

.